**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 33/14(19_06_14).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 19 ta' Ġunju 2014, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier u s-Sur Paul Parnis - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-12 ta' Ġunju 2014.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.
6. Offerti għal xogħlijiet fil-Munxar u Ix-Xlendi.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
8. Rapport tas-Sindku.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
11. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 13/2014 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Kwestjonarju – Training Needs' Analysis'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 14/2014 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Mid-Term Audit'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 15/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Posta Elettronika tal-Membri tal-Kunsill Lokali'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 16/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Performance Management and Indicators'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 17/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward '*Streaming* tal-Laqgħat *online* u Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għas-servizz tal-*Internet'*.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 18/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Korrispondenza mibgħuta lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali'.

2.07 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand l-Eco-Gozo Regional Development għal-laqgħa bit-tema 'Water Use Efficiency in the Domestic Sector', fit-23 ta' Ġunju 2014.

2.08 Il-Kunsill irċieva avviż mingħand l-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali rigward 'Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet' fejn ingħataw in-nomini ppreżentati, in-numru ta' membri li jridu jiġu eletti u n-numru ta' nomini preżentati.

2.09 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AGL Ċirk 30/2014 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-Communications Coordinator ta' Let's Do It! Malta rigward proġett fejn voluntiera ser jagħmlu *land and sea clean up,* fl-10 u 11 ta' Mejju 2014.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed jitwasslu żewġ avviżi maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali rigward 'Elezzjoni għall-Parlament Ewropew – Mejju 2014 – Persuni li għadhom ma rċevewx id-dokument għall-votazzjoni' u 'Elezzjoni għall-Parlament Ewropew u għall-Kumitati Amministrattivi tal-Komunitajiet – 2014 – Laqgħat għall-Assistenti Kummissjonarji Elettorali'.

2.11 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AGL Ċirk 28/2014 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'Konferenza dwar l-Inklużjoni u l-Ugwaljanza fir-Reġjun tal-Mediterran' fit-12 ta' Mejju 2014, f'The Palace Hotel, Tas-Sliema.

2.12 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AGL Ċirk 33/2014 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'Suppliment fit-Times of Malta'.

2.13 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Kelliem għall-Oppożizzjoni responsabbli miż-Żgħażagħ u Sport għall-Konferenza Nazzjonali tal-Isport organizzata minn Tim Sport PN fis-7 ta' Ġunju 2014, fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera bit-tema 'L-Isport f'Malta…il-Pass li jmiss'. Irċieva wkoll stqarrija maħruġa mill-istess Kelliem għaż-Żgħażagħ u Sport 'Kultura sportiva hija ħolqa kruċjali għal kwalità ta' ħajja aħjar'.

2.14 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur Pubblikazzjonijiet Dumnikani rigward il-verżjoni bil-Malti tal-ewwel Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa Franġisku, *Evangelii Gaudium* (Il-Ferħ tal-Vanġelu).

2.15 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni (ANSEK) l-ewwel *newsletter* ta' ANSEK (01 ANSEK May 2014).

2.16 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kummissarju għat-Tfal rigward il-Korsijiet *Rights 4 U* – Kors dwar id-Drittijiet tat-Tfal u Żgħażagħ, għal tfal ta' bejn it-13 u 15-il sena.

2.17 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda u l-iskeda ta' pagamenti tal-41 laqgħa u l-Minuti tal-40 laqgħa li saret fl-10 ta' April 2014 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħha lill-Kunsilliera.

2.18 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand it-TCTC rigward Focus Group f'Għawdex fit-3 ta' Lulju 2014, fit-TCTC Għawdex – Re: Project ESF 4.181 – Improving Public Management and Governance at Local Level – Focus Groups.

2.19 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AGL Ċirk 34/2014 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward MARIE Seminar - 'Energy Efficiency in Buildings Seminar & Regional Interest Group Meeting', fit-28 ta' Mejju 2014, fil-lukanda Corinthia San Ġorġ, San Ġiljan.

2.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo Action Group Foundation rigward 'Action 413.6 – Festivals and Events (2nd Call) Clarification to Local Councils', fejn ingħatat informazzjoni dwar l-applikazzjoni.

2.21 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed jiġi mistieden ukoll l-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ għat-tieni qari dwar l-emenda għad-dritt tal-vot liż-żgħażagħ ta' sittax-il sena fit-12 ta' Mejju 2014, ġewwa l-Parlament ta' Malta, il-Belt Valletta.

2.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEPA rigward 'Policy and Design Guidance – Cemeteries'.

2.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Revisiting a Revolution', kunċert klassiku mill-Malta Philharmonic Orchestra fit-23 ta' Mejju 2014, fil-Mediterranean Conference Centre.

2.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex rigward 'Laqgħa mal-Fondazzjoni Valletta 2018', fit-3 ta' Ġunju 2014, fil-Kunsill Lokali Victoria.

2.25 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand in-National Commission for the Promotion of Equality (NCPE) għat-10th Annual Conference fid-29 ta' Mejju 2014, f'Dar l-Ewropa, Valletta.

2.26 Il-Kunsill irċieva *e-mail* dwar żewġ konferenzi dwar 'Jellyfish Proliferation and Mitigation – Monitoring and Management of Jellyfish as part of our Marine Biodiversity & Treatments of Jellyfish Stings', fit-22 ta' Mejju 2014 u 'Monitoring and Management of Jellyfish blooms for our Fisheries, Aquaculture and Maritime Industries', fit-23 ta' Mejju 2014, organizzati mid-Dipartiment tal-Bijoloġija f'Università ta' Malta bil-kollaborazzjoni tal-ENPI MED-JellyRisk partners.

2.27 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-OASI Foundation rigward il-ħidma tagħhom u l-possibbiltà ta' laqgħa flimkien.

2.28 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kumpanija First Malta fejn qegħdin joffru li jagħmlu pubblikazzjoni fuq il-*website* tagħhom u promozzjoni fuq *facebook* tal-attivitajiet organizzati mill-Kunsill bla ħlas.

2.29 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Parroċċa tal-Munxar għall-Konċelebrazzjoni Pontifikali fl-okkażjoni tas-Solennità ta' San Pawl Nawfragu fil-25 ta' Mejju 2014, fil-Knisja Parrokkjali tal-Munxar.

2.30 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo College Sannat Primary fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-Gozo College, Victoria rigward 'School Summer Time-Table'.

2.31 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Europe for Citizens Programme - Open Calls for Funding', fejn qed titwassal ukoll *e-mail* mingħand il-MEUSAC Team.

2.32 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Centre for Development, Research and Training rigward kors 'EU Programmes Reporting' għal *Supervisors* u *Clerks* fi *scales* 11 sa 16, fl-4 ta' Ġunju 2014 bħala parti mill-proġett ESF 4.100 – Developing Core Skills in the Public Service, kofinanzjat mill-European Social Fund, Operational Programme II – Empowering People for More Jobs for a Better Quality of Life – Cohesion Policy 2007-13.

2.33 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) rigward 'Appell lill-Kunsilli Lokali dwar it-tiżjin tal-armar fil-festi'.

2.34 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni fis-27 ta' Ġunju 2014, fil-Kunsill Lokali tal-Mosta, tat-*term* tat-tieni Kumitati Amministrattivi li ser ikunu fis-seħħ bejn l-1 ta' Lulju 2014 sat-30 ta' Ġunju 2018.

2.35 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-LIFE National Contact Point dwar 'Launch of next LIFE call for projects provisionally set for June 2014'.

2.36 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex rigward 'Skema ta' għajnuna finanzjarja għall-korsijiet tal-Life Long Learning'.

2.37 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MITA rigward 'Student Placement Programme 2014: Government entities invitation to participate'.

2.38 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-ETC rigward 'Free Outreach Training Provision by the Employment and Training Corporation'.

2.39 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Building Industry Consultative Council (BICC) rigward il-BICC Annual Report 2013.

2.40 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni (ANSEK) rigward kors mifrux fuq tliet ġimgħat li jibda mill-11 ta' Ġunju 2014, fil-Kunsill Lokali Il-Mosta dwar 'Practical Aspects of Public Procurement'.

2.41 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed jitwassal invit mingħand l-InfoNitrates Project Manager, Dipartiment għall-Iżvilupp Rurali, Direttorat tal-Agrikoltura, Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima għal 'InfoNitrates LIFE+ Closing Conference' fis-6 ta' Ġunju 2014, fil-Qawra Palace Hotel.

2.42 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Project ESF 4.181 – 'Improving Public Management and Governance at Local Level – Focus Groups'.

2.43 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward djalogu pubbliku bit-tema 'Għawdex fl-Unjoni Ewropea' fit-12 ta' Ġunju 2014, fil-lukanda Ta' Ċenċ, Ta' Sannat.

2.44 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kap tal-Iskola, Stella Maris College fejn informaw lill-Kunsill li ser jagħtu donazzjoni ta' kopja minn kull pubblikazzjoni taż-żewġ proġetti relatati ma' Għawdex u Kemmuna li ħadmu fuqhom studenti tal-*Form* 1 ta' din l-iskola. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li dawn il-pubblikazzjonijiet ser ikunu ankè għall-bejgħ.

2.45 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward *information session* organizzata flimkien mal-MITA bit-tema 'Activating the Right ICT Skills for Tomorrow's Jobs', fil-11 ta' Ġunju 2014, f'Dar l-Ewropa, Valletta.

2.46 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali rigward 'Kampanja Favur Trobbija Pożittiva: Rispett fit-Trobbija'.

2.47 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Film Commission rigward 'Masterclass on Script supervision' minn persuna li hija *mentor* u *Hollywood personality*, fis-26 ta' Ġunju 2014.

2.48 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Mediterranean Academy of Culture, Tourism and Trade ta' Malta rigward l-ewwel *International Conference*, fil-Birgu bejn is-16 u l-21 ta' Ġunju 2014.

2.49 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AGL Ċirk 37/2014 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'Laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex (li mhumiex Sindki) - Is-Sibt, 21 ta' Ġunju 2014 fil-lukanda Dolmen Resort, Il-Qawra'.

2.50 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dog Trust Malta rigward il-kampanja 'The Big Scoop' f'Ġunju 2014 dwar l-importanza li s-sidien tal-klieb inaddfu l-ħmieġ tal-klieb tagħhom. Huma ħajru lill-Kunsill sabiex jorganizza xi attività u offrew l-assistenza tagħhom.

2.51 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali rigward 'Invitation to participate in the ESF 3.234 LEAP! Project – Building the Future Together: Promoting Social Mobility'.

2.52 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed jitwassal Ċirkulari 08/2014 maħruġ mid-Dipartiment tal-Kuntratti rigward l-esklużjoni ta' 2 kumpaniji milli jingħatawlhom kuntratti pubbliċi.

2.53 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AGL Ċirk 40/2014 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali fejn qed titwassal stedina mingħand it-Taqsima Komunikazzjoni – Dipartiment tal-Anzjani għal Jum it-Tifkira tal-Abbuż fuq l-Anzjani fl-14 ta' Ġunju 2014 u Ċirkulari AGL Ċirk 42/2014 minħabba bidla fil-post tal-attività.

2.54 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Centre for the Liberal Arts and Sciences fl-Università ta' Malta rigward 'Programme in the Liberal Arts and Sciences'.

2.55 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AGL Ċirk 43/2014 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward il-konferenza 'Energy Efficiency Capacity Building' fl-24 ta'Ġunju 2014, fil-lukanda Excelsior, Valletta.

2.56 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed jitwassal avviż maħruġ mis-Segretarjat tal-Access City Award tal-Kummissjoni Ewropea rigward 'Il-Kummissjoni Ewropea tniedi l-ħames kompetizzjoni għall-Premju *Access City'*.

2.57 Il-Kunsill irċieva *e-mail* u *poster* mingħand il-Kunsill Lokali Santa Luċija rigward l-attività li ser itellgħu bl-isem ta' 'Traditional Martial Arts Gathering' b'risq Puttinu Cares fl-14 ta' Ġunju 2014, fi Ġnien is-Serenità, Santa Luċija.

2.58 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Tourism Authority (MTA) u *e-mail* mingħand il-MEPA rigward 'Break time from excavation & demolition works'.

2.59 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Principal Permanent Secretary and Cabinet Secretary, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward Laqgħa tal-Kabinett – Għawdex fl-1 ta' Lulju 2014, fl-iskola sekondarja tas-subien, Għawdex.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva l-Istatement of Urban Improvement Fund mingħand il-MEPA. L-ammont allokat għall-Munxar huwa €4,914.63 u l-ammont allokat għax-Xlendi huwa ta' €44,063.90.

3.02 Il-Kunsill irċieva Memo 17/2014 dwar *Streaming* tal-Laqgħat *Online* u Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għas-Servizz tal-*Internet.* Is-sena l-oħra d-Dipartiment għall-Gvern Lokali nieda skema ta' għajnuna finanzjarja għas-servizz ta' *streaming* tal-laqgħat *online*. Ġiet iffaċċata problema minħabba li l-*internet speed* li kellhom il-Kunsilli Lokali ma kienx biżżejjed u għalhekk id-Dipartiment ħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet. Din is-sejħa ngħatat lill-Melita plc. Il-Kunsilli jistgħu jibbenefikaw minn dan il-pakkett li ġab id-Dipartiment għal €25 fix-xahar. Id-Dipartiment ser jieħu ħsieb din l-ispiża. Għal dawk il-Kunsilli li ħadu din l-inizjattiva u installaw dan is-servizz huma, jistgħu jitolbu rimbors tal-ispiża. Il-massimu li se jingħata għal dan is-servizz se jkun ta' €300 fis-sena.
Il-Kunsill kien ser japplika.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand iċ-*Chairman* tal-Kumitat Milied f'Għawdex. Il-Kunsill qed jiġi mistieden jibgħat inizjattivi ta' ċerta skala li hemm il-ħsieb li jiġu organizzati fi żmien il-Milied sabiex jiġu inklużi fil-programm li se jitqassam f'Malta u barra minn xtutna inkluż kampanja fuq siti ta' *social networking* u fil-mezzi tax-xandir. Il-Kunsill ma għandux pjanijiet li jorganizza xi ħaġa ta' ċerta skala.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand koppja li qed jippjanaw li jieħdu r-ritratti ta' qabel it-tieġ fi Ġnien Ragalna. Huma qed jitolbu sabiex dan il-ġnien jiġi mnaddaf mill-ħaxix ħażin. Il-Kunsill kien diġà naddaf dan il-ġnien.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-MTA dwar Break Time from Excavation & Demolition Works. Din se tkun applikabbli għat-toroq kollha tax-Xlendi mill-15 ta' Ġunju 2014 sat-30 ta' Settembru 2014.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* b'ritratt tal-bankina ta' quddiem l-istabbiliment C7 fejn qed jimblokka l-bankina kollha bis-siġġijiet, imwejjed u tinda. Din il-problema tqajmet waqt laqgħa li saret mal-Ministru u kapijiet ta' Dipartimenti t'Għawdex.

3.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Saviour Xiberras, il-Kuntrattur li qed jieħu ħsieb il-knis ta' toroq fix-Xlendi għax-xhur tas-sajf (MXR/001/2013). Huwa qed jinforma lill-Kunsill li minħabba raġunijiet personali li nqalgħu dan l-aħħar, hija impossibbli għalih li jiknes it-toroq kollha filgħodu kif hemm imniżżel fil-Kuntratt. Għaldaqstant, qed jitlob il-permess li jagħmel ix-xogħol filgħodu u filgħaxija u jekk ma huwiex possibbli ma jkollux triq oħra ħlief li jwaqqa' l-Kuntratt.
Il-Kunsill ma jistax jaċċetta li t-tindif isir parti filgħodu u parti filgħaxija peress li t-*tender* ħarġet li t-tindif irid isir filgħodu u l-Kunsill hu tal-fehma li t-tindif ikun aktar effettiv jekk isir filgħodu. Ġie deċiż li din l-offerta titwaqqa' u tingħata lill-Kuntrattur John Gauci li kien it-tieni l-orħos, bil-prezz ta' €24.50 – ġurnata normali ta' xogħol u €39.80 – ġurnata festa pubblika u ġurnata tal-Ħadd.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 33/14(19_06_14).

**5.00 Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ tal-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar.**

5.01 Ix-xogħol li kellu jsir fil-Pjazza tal-Knisja tlesta ħlief il-balavostri taz-zuntier. Bħalissa l-*Contracts Manager* tal-Kunsill qed jaħdem fuq il-kontijiet u ser jerġa' jsir il-kejl mill-ġdid. Is-Sindku qed jissuġġerixxi li jekk sal-ġimgħa d-dieħla ma jinbediex iz-zuntier, il-Kuntrattur jibda jeħel il-multa peress li x-xogħol suppost li ilu li tlesta. Kien hemm qbil dwar dan.

**6.00 Offerti għal xogħlijiet fil-Munxar u Ix-Xlendi.**

6.01 Ser joħorġu dawn it-*tenders* iffinanzjati mill-EU Funds:

- Passaġġ tal-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi b'*budget* ta' €10,900
- *Furniture* għall-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi b'*budget* ta' €7,700
- Dawl u *Sound* għall-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi b'*budget* ta' €4,303
- *Flyer* u *Map* b'*budget* ta' €7,000
- *Ticketing System* għall-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi b'*budget* ta' €12,000

Ser joħorġu dawn it-*tenders* iffinanzjati mill-Urban Improvement Fund (UIF):

- Passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi
- Fanali, Lanterni u *Arms*
- Fanali għal Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi
- *Planters* u *Benches*

**7.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

7.01 Għadu kemm tlesta l-kisi bit-tarmak ta' Triq il-Kavallieri, Triq ir-Rumani u Triq Ta' Rinota/Andrijiet.
Il-fanali ta' Triq il-Kantra se jitwaħħlu dalwaqt.
Il-membri tal-Kunsill iltaqgħu dwar talbiet sabiex jerġgħu jsiru rampi 'l barra mill-bankina fit-toroq Andrijiet u Ta' Rinota. Ġie deċiż li dawn ir-rampi ma jsirux, u minflok tbaxxew il-bankini mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex.
Iż-żgħażagħ tal-parroċċa kienu naddfu Ġnien Ragalna mill-ħaxix ħażin. Ħaddiema tad-Dipartiment tal-Agrikoltura kienu żabru l-bruk u l-palm tax-Xlendi.

**8.00 Rapport tas-Sindku.**

8.01 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li saret mal-Ministru għal Għawdex fejn kien hemm preżenti wkoll uffiċjali inkarigati minn taqsimiet ta' dipartimenti u entitajiet f'Għawdex. F'din il-laqgħa tqajmu diversi punti dwar Ix-Xlendi u Il-Munxar fosthom dwar is-sitwazzjoni tal-imwejjed fix-Xlendi.

8.02 Dwar il-problema ta' *skips* privati fil-*Parking* tax-Xlendi, saret laqgħa ma' uffiċjal tal-WasteServ Malta Ltd. Min-naħa tagħhom, il-WasteServ Malta Ltd. ser jaraw li dawn l-iskips jitneħħew minn hemm.

8.03 Is-Sindku kkuntatja lill-Maritime ta' Transport Malta dwar is-*swimming zone* tax-Xlendi peress li sar suġġeriment li din titkabbar 'il barra. Il-Kunsill ser ikellem lill-Pulizija sabiex jaraw li l-karrijiet li hemm fil-*Parking* jitneħħew.

8.04 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sur Mark Zammit dwar il-Patt tas-Sindki. Qed isir sforz sabiex jonqsu l-*emissions* mill-arja u dwar dan ser isir kors għal dawk il-persuni li huma interessati li jippreżentaw rapport dwar dan is-suġġett. Is-Sindku ltaqa' maċ-*Chairman* tal-V18 fejn ġew diskussi attivitajiet li jistgħu jsiru fil-lokalitajiet.

8.05 Is-Sindku informa lill-Kunsill li xi persuna jew persuni ħarġu d-*deckchairs* fuq in-naħa ta' barra tal-bajja tax-Xlendi u nħarġet mejda tal-BBQ u saret xi ħsara fil-pavimentar.

8.06 Is-Sindku f'isem il-Kunsill xtaq jifraħ lill-Għaqda Dilettanti tan-Nar tal-Munxar wara li rnexxielhom jirbħu żewġ *records* nazzjonali fil-logħob tan-nar tal-art.

8.07 L-applikazzjoni għall-Fondi tal-413 Leader li l-Kunsill ġie magħżul reġgħet ħarġet iżda l-Kunsill ma setax japplika għaliex il-Perit Formosa ma lestiex il-*bill of quantities*.

8.08 L-applikazzjoni li kellha ssir mill-Parroċċa u l-Kunsill dwar is-sejħa għall-attivitajiet li jiġu ffinanzjati minn fondi tal-EU ma saritx għax ma tlaħħqetx saret qabel id-data tal-għeluq.

**9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta diversi talbiet mingħand stabbilimenti tal-ikel fix-Xlendi fejn qed jitolbu li jitpoġġew imwejjed u siġġijiet u jsiru tined. Ġie deċiż li l-pożizzjoni tal-Kunsill ser tkun hekk:

1. L-*area* fejn jitpoġġew l-imwejjed u siġġijiet tkun quddiem il-proprjetà.
2. Irid jitħalla passaġġ ta' 1.5m minn fejn jgħaddi l-pubbliku.
3. Il-passaġġ li jitħalla għall-pubbliku ma jkunx imsaqqaf b'xi forma ta' tinda.
4. Fil-passaġġ li sar minn fondi ta' Eco-Gozo ma jitpoġġewx imwejjed u siġġijiet.

Rigward it-talba li saret mill-istabbiliment tal-ikel Iċ-Ċima, jingħata *no objection* sabiex ipoġġi żewġt imwejjed fl-*area* li tiġi 'l fuq mill-passaġġ ta' Eco-Gozo.
L-istabbiliment tal-ikel Da Manuel se jintalab li jħalli l-passaġġ għall-pubbliku man-naħa tar-*railing*.

9.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li preżentament il-Kunsill għandu nuqqas ta' spażju sabiex jistorja għamara tat-toroq u tiżjin tal-Milied u għalhekk qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jikri jew jixtri xi *garage* biex jintuża għal dan il-għan. Ġie deċiż li għalissa l-Kunsill juża l-kamra ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina.

9.03 Preżentament il-Kunsill għandu student minn Franza li qed jagħmel *Internship*. Huwa ngħata l-inkarigu li jiftaħ il-mitħna sotterranja tax-Xlendi f'xi jiem fil-ġimgħa. Għal din ir-raġuni qed ikun issuġġerit li jingħata *pocket money* peress li qed jagħti servizz tajjeb. Ġie deċiż li jingħata €300 għax-xahrejn li dam mal-Kunsill.

9.04 Is-Segretarju Eżekuttiv kellem żewġ sidien ta' għelieqi li jmissu mat-triq li tagħti għal Tal-Ponta minn Triq Żgħawri. Huma aċċettaw li jinbena l-ħajt tas-sejjieħ mill-ġdid, basta jerġa' isir kif kien.
Is-Sindku informa lill-Kunsill li wieħed mis-sidien avviċinah u qallu biex il-ħajt ma jintmessx. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob lit-Taqsima tas-CMU sabiex tirranġa ċ-ċint ta' din it-triq u jinbnew il-ħitan imwaqqgħa.

9.05 Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku kellhom laqgħa mal-President u Segretarju ta' Din l-Art Ħelwa rigward it-torri tax-Xlendi. Kien hemm qbil fuq dan:

1. Din l-Art Ħelwa u l-Kunsill Lokali Il-Munxar ser ikomplu jaħdmu flimkien sabiex iġibu l-permess tal-MEPA sabiex dan it-torri jiġi rrestawrat.
2. Din l-Art Ħelwa u l-Kunsill Lokali Il-Munxar jiltaqgħu mal-Perit fejn jiddiskutu li jressqu każ lill-MEPA sabiex twaqqa' t-talba tagħha għal ħlas minn Din l-Art Ħelwa u l-Kunsill Lokali Il-Munxar fir-rigward ta' *sanctioning fees* minħabba *mishandling of development* mit-*tenants* ta' qabel – kemm il-Kunsill kif ukoll Din l-Art Ħelwa qed jirrifjutaw.
3. Din l-Art Ħelwa u l-Kunsill Lokali Il-Munxar jiltaqgħu ma' uffiċjali mill-MEPA u jinformawhom li l-proġett ma jistax jitkompla jekk il-MEPA ma tneħħix it-talbiet għal *sanctioning* u l-*fees* għoljin li qed jiċċarġjaw għalih.
4. Din l-Art Ħelwa u l-Kunsill Lokali Il-Munxar jiltaqgħu mal-Ministru għal Għawdex sabiex jiżguraw li ser tinżamm il-wegħda fir-rigward tal-aċċess.
5. Din l-Art Ħelwa u l-Kunsill Lokali Il-Munxar jaraw jekk hux aħjar li l-Kunsill ikollu *sole title* jew *joint title* ma' Din l-Art Ħelwa minħabba Cohesion EU Funds li ġejjin.
6. Din l-Art Ħelwa u l-Kunsill Lokali Il-Munxar jaqblu li dan il-proġett ma huwiex vijabbli jekk ma jiġux fondi mill-Unjoni Ewropea.

9.06 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-programm ta' attivitajiet għax-Xlendi li għadu kemm ġie ffinalizzat. F'dan il-programm se jkun hemm attivitajiet immirati għan-nies lokali u turisti. Qed ikun iffinanzjat mill-Kumitat Amministrattiv, mill-Ministeru għal Għawdex u mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali flimkien mal-MTA.

## 10.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

10.01 Is-Sur Ryan Debrincat informa lill-Kunsill li rċieva talba mingħand sid ta' proprjetà fi Triq San Pawl fejn qed jilmenta li peress li hemm kantuniera eżatt mal-*garage* tiegħu, qed ikun ta' periklu biex joħroġ il-karozza mill-*garage*. Minħabba din ir-raġuni huwa qed jitlob lill-Kunsill sabiex iwaħħal *corner mirror* faċċata tal-*garage*. Il-Kunsll kien diġà ddeċieda waqt laqgħa ta' xi ġimgħat ilu li l-materja hija privata u l-Kunsill ma jridx jiftaħ preċident għal kull periklu li jeżisti minn *garages* oħrajn li hawn fil-lokalità. Ġie deċiż li tiġi kkonsultata Transport Malta dwar każijiet bħal dawn.

Is-Sur Ryan Debrincat talab sabiex il-bankijiet li hemm fi Triq Damasku jinbidlu u jsiru oħrajn aktar moderni. Is-Sindku infurmah li hawn diversi bankijiet ta' dak it-tip f'toroq oħrajn u għaldaqstant għalissa dawk il-bankijiet se jibqgħu hemm. Dawn għadhom kemm inbarxu u nżebgħu.

10.02 Is-Sinjura Carmen Said talbet sabiex il-qasab tal-Wied tax-Xlendi jinqata' peress li qed jirrendi lill-kantuniera tal-pont fi *blind corner*.
Fakkret dwar il-*bins on wheels* li hemm fil-*Parking* tax-Xlendi u rridu niċċekkjaw jekk l-Uffiċjal tal-WasteServ Malta Ltd. kellimx lis-sidien ta' dawn il-*bins on wheels*.
Hija ġibdet l-attenzjoni li fit-toroq tax-Xlendi hemm ħafna ħaxix ħażin mal-ġnub tat-toroq u fuq il-bankini u hemm passaġġ fi Triq San Pawl sabiex jitnaddaf mill-ħaxix ħażin u trabijiet.
Fi Triq iż-Żirżieb kantuniera ma' Triq ir-Ranċiż, titneħħa kaxxa ta' *parking* u jsir *double yellow line* peress li s-sid tal-faċċata ma jkunx jista' joħroġ l-opra tal-baħar mill-*garage*.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Is-Sindku semma li nibet ħafna ħaxix f'bankina fi Triq iż-Żirżieb u hemm bżonn li tinqala' l-mantunċina u terġa' titpoġġa. Hemm bżonn li jsir xi kisi fl-art quddiem l-istatwa ta' Sant'Indrija. Dan ix-xogħol ser isir bil-kuntrattur tal-Kunsill.

11.02 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel tabelli fil-proġetti li saru mill-Kunsill u issa li l-festa għaddiet isir rendikont ta' x'ħallas il-Kunsill u tintbagħat f'kull dar fil-Munxar.

11.03 Fi Triq Dun Spir Gauci hemm *roundabout* bil-palma fin-nofs. Peress li vetturi kbar qed jirfsu fuq ir-*roundabout*, hemm bżonn li x-xifer jitbaxxa biex jiġi livell tat-tarmak.

Il-laqgħa spiċċat fid-8.40 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 29 ta' Lulju 2014, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***